# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 43**

**Avviz numru 534/99/SM**

**Richard J. Attard f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Richard J. Attard & Co.**

**vs**

**Malta International Foods Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 t'April ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur proprio et nomine sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti biex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lill-attur pro et noe l-ammont ta' mitejn tlieta u sittin liri Maltin u hmistax-il centezmu (LM263.15,0), dovut lilhu bhala prezz ta' servizzi professjonali ppresentati lilhom;**

2. **Bl-ispejjez ta' din il-procedura flimkien ma dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Mejju, 1998, u bl-imghax relattiv sad-data tal-pagament relattiv kontrihom li qeghdin jigu ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet datata s-6 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccipiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante illi hija nfondata fil-fatt uf id-dritt;**

2. **Illi s-socjeta' konvenuta Malta International Foods Limited mhijiex il-legittima kontradittur ghaliex s-socjeta' konvenuta qatt ma qabbdet lill-attur Richard J. Attard jew xi rapprezentant iehor ta' Richard J. Attard & Co. sabiex jipprestalha xi servizzi professjonali u illi se mai, s-servizzi tal-attur pro et nomine gew prestati fuq ordni ta' certu Gaetano sive Gejtu Borg u a favur ta' l-istess Gaetano Borg li fiz-zmien in kwistjoni kien qed jinnegozja kuntratt ma persuni ohra in konnessjoni ma' inter alia, ishma fis-socjeta' konvenuta;**

3. **Illi bla pregudizzju ghas-suespost, s-servizzi tal-attur pro et nomine gew ordnati minn Gaetano Borg in konnessjoni ma' kuntratt li kien qed jinnegozja ma persuni ohra ghax-xiri ta' ishma fis-socjeta' konvenuta izda dan il-kuntratt finalment ma sehx ghal ragunijiet imputabbli ghall-imsemmi Gaetano Borg u ghalhekk kull promessa li seta ghamel l-istess Gaetano Borg illi s-servizzi tal-attur pro et nomine kienu ser jithallsu mis-socjeta' konvenuta ghaliex hu kien ser jifforma parti minnha ma tistax issa tigi imputabbli ghas-socjeta' konvenuta;**

4. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-kaz;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-ammont pretiz fl-avviz odjern hu reklamat ghall-servizzi professjonali rezi mill-attur proprio et nomine lis-socjeta' konvenuta u lill-terz iehor involut;**

2. **Illi ghalkemm it-trattattivi li kienu ghaddejjin bejn is-socjeta' konvenuta u t-terz involut ma tawx il-frott deziderat, l-attur proprio et nomine xorta kien involat ghall-remunerazzjoni lecita' ghas-servizzi minnhu rezi u ghad-dannu minnhu nkorsi;**

3. **Illi jirrizulta li t-terz involut hallas il-parti tieghu izda s-socjeta' konvenuta naqset li taghmel il-parti taghha ghalkemm interpellata biex taghmel dan;**

4. **Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta kienet inghatat l-opportunita' biex tipprezenta l-posizzjoni taghha quddiem din il-qorti, xorta naqset li taghmel dan;**

**Ghaldaqstant, din il-qort tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lill-attur proprio et' nomine l-ammont ta' mitejn u tlieta u sittin Lira Maltin u hmistax-il centezmu, (LM263.15,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**